Nicholas Grech
Male Ward 3A,
Sptar Monte Carmeli,
Triq Notabile,
Attard.
Data: 11 ta' Dicembru 2016.

Kummissarju ghas-sahha mentali, Dr. John Cachia,

Skuzani li qed nerga indejqek ghar 4 darba imma nhoss li ma ndirizzajtx il-fatt illi bbazaw il-perizja fuq li ghamilt li ghamilt ghax waqaft niehu l-kura minn xi sentejn qabel gejt arrestat, din il-pirmla ta' 2mg kollox li suppost kont niehu u li minghajra gabuha li tlift il-kontrol u skuza biex jittimbrawni ta' schizophrenic. Fil-fatt lanqas fil 11 il sena ta' qabel ma hadtha u dejjem gibt ruhi sew u anki fis-sentejn ta' qabel gejt arrestat kont nahdem u kelli familja (ommi u huti) u hadd qatt ma rraporta xejn abnormali fuqi. Dan juri li jien m'hiniex bniedem marid u biex irnexxili ma niggenninx s'issa meta tlift kollox: il-familja, xoghol, karriera u bil modd il modd anki sahhti bl-injections li qed ninata (sterili, insomnia, hedla, ugigh f'saqajja/ghonqi), zgur li ma kontx marid qabel gejt arrestat meta kelli kollox. Il-fatt l-iehor li l-psikjatra jarani darba f'mitt qamar u fil ftit li rani qatt ma kellimni jew staqsini fuq is-sintomi tal-marda li suppost qed inbati minna jkompli juri li hu wkoll jaf li ma nbati mill-ebda marda. Minkejja dan xorta jibqa' jinsisti li jien schizophrenic biex jissalvagwardja dak li ormaj lahaq kiteb fil-perizja u biex jiggustifika li jibqa' jtini l-injecion ghax hekk kien lahaq ftiehem mieghek f'April li ghadda waqt it tribunal. Jekk mhux abbuz dan, ma nafx x'jista' jkun.

Fejn semmejt li nista nahtar psikjatra iehor, ma tantx nista naghmel dan ghax jekk il-Ministru xi darba jirrispondi se jikteb lill-istess psikjatra ghax hu kien kitiblu biex jirreferini lit-tribunal u mhux lili, cioe xorta jkolli nibqa' dipendenti fuqu. Anki kieku nista nibdlu xorta l-psikjatra l-gdid jibda biex isaqsi lill-psikjatra t'issa fuq l-istorja tieghi, cioe ma jkun indipendenti xejn u xorta nigu koppi u kif jaf kullhadd kappel ma jmerix lill iehor. Fejn tichad li ma hadtx azzjoni jista jkun li l-psikjatra njorak ghax s'issa ma nbidel xejn u fil-fatt mill-ewwel ittra li ktiblek lura fit 2 t'Ottubru ma ranix hlief darba wara li rrifjutajt li nibqa' niehu l-injection biex jghidli biss li bis-sewwa jew bid-dnewwa jkolli nibqa' nihodha.

Lili ma tistax tlumni ghax jekk il-psikjatra ma jaghtix kazi, l-unika riferenza li fadalli hi lilek.

Dejjem tieghek,

______________________________
Nicholas Grech (ID no: [redacted]M)

mentalhealthcommissioner.mfh@gov.mt

Dr. John Cachia,

Nitolbok tibghatli kopja tal-konkluzjonijiet / rakkomandazzjonijiet / rapport li kien wasal ghalih it-Tribunal meta kont dehert quddiemu fis-7 ta' April 2016.

Tislijiet,
Nicholas Grech
MW3A,
Mount Carmel Hospital.